



Kumitat Ewropew  
tar-Reggjuni

# Network tal-Eks Membri

## PJAN TA' AZZJONI 2021

Wara t-tnedija b'suċċess tiegħu fil-5 ta' Mejju 2021, u b'aktar minn 170 membru reġistrat, in-**Network tal-Eks Membri** stabbilixxa pjan ta' azzjoni għall-2021. Dan se jiġi aġġornat fil-bidu ta' kull sena kalendarja, f'konformità mal-prijoritajiet politiċi tal-Kumitat Ewropew tar-Reggjuni (KtR).

Il-membri tan-**Network** huma mistiedna jikkunsidraw li jwettqu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin fir-reġjun, il-belt jew il-muniċipalitè tagħhom:

### AZZJONI nru° 1: Organizzazzjoni ta' Djalogu Lokali fir-reġjun, il-belt jew il-muniċipalitè tagħkom

Nixtiequ nistiednu lill-membri tan-network biex iqarrbu l-Ewropa lejn iċ-ċittadini tagħha u jorganizzaw *Djalogu Lokali* dwar il-futur tal-Ewropa u dwar ir-rwol li jaqdu l-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil tal-politika tal-UE. Il-KtR jista' jgħinikom fl-organizzazzjoni (soġġett għall-approvazzjoni).

### AZZJONI nru° 2: Promozzjoni tal-valuri u l-interessi Ewropej

Siru l-vuċi tal-Ewropa fir-reġjun, il-belt jew il-muniċipalitè tagħkom. Ippromovu l-Ewropa permezz tan-networks, il-midja lokali, il-kunsill muniċipali, jew l-assoċjazzjoni tagħkom. Għinuna nidentifikaw politiċi lokali attivi lesti biex isiru **Kunsilliera tal-UE** għal pajjiżkom.

### AZZJONI nru 3: Kontribut għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa

Ibagħtulna l-ideat tagħkom dwar dak li l-Ewropa tista' tagħmel aħjar għar-reġjuni, il-bliet jew il-muniċipalitajiet tagħha. Aħna se ngħadduhom fil-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

### AZZJONI nru° 4: Webinars u briefings politiċi

Il-KtR se jorganizza briefings politiċi online biex inqegħdukom fil-qalba tat-tfassil tal-politika tal-UE. Jistgħu jiġu organizzati wkoll briefings personalizzati jew żjajjar online għal udjenza fil-mira partikolari (rappreżentanti eletti, studenti, eċċ.)

Jekk jogħġbokom toqogħdux lura milli tikkuntattjawna ([FormerMembers@cor.europa.eu](mailto:FormerMembers@cor.europa.eu)) għal parir jew għajjnuna, f'każ li tiddeċiedi li twettqu xi waħda mill-azzjonijiet imsemmijin hawn fuq fir-reġjun, il-belt jew il-muniċipalitè tagħkom.

## Kif tingħaqad man-Network?

Jekk jogħġbok irreġistra  
permezz ta' [dan l-istħarriġ](#).



## Kuntatt:

Protokoll u korrispondenza istituzzjonali  
– Servizz għall-Viżitaturi u l-eks Membri

[FormerMembers@cor.europa.eu](mailto:FormerMembers@cor.europa.eu)

Tel: **+32 2 282 2124/2564**

Il-Kumitat Ewropew tar-Reggjuni, li nħoloq fl-1994, huwa l-assemblea politika tal-UE ta' 329 rappreżentant reġjonali u lokali bħall-presidenti reġjonali jew is-sindki tal-bliet minn kull wieħed mis-27 Stat Membru, u jirrapreżentaw aktar minn 446 miljun Ewropew.